# VIŻTA PASTORALI TA' MIT SENA ILU (5 ta' Marzu 1905) FIL-KNISJA VIĊENDARJA U BENEFIĊJALI TAL-PATROĊINJU U FIL-KAPPELLA TA' SAN PUPULJU TA' GĦAMMAR

*Traduzzjoni mil-Latin – (AEG, VP, 1904, pp. 44-45) – mill-**Kan. Dun Ġużepp Mintoff***

### *Il-Viżta f'tal-Patroċinju tal-Għasri ...*

Dan il-jum intgħażel minn Mons. Isqof (Gio Maria Camilleri) biex jagħmel Viżta Pastorali fil-Knisja Viċendarja u Benefiċjali taħt it-titlu tal-Patroċinju tal-Beata Verġni Marija fil-ħâra tal-Għasri. Għalhekk akkumpanjat mir-Rev.di konviżitaturi: l-Arċidjaknu Dun Ġużepp Mizzi, il-Kan. Dun Ġużepp Cauchi u jien, Kanċellier tal-Viżta, fil-5.45 a.m. intlaqajna fil-bieb tal-Knisja mill-Viċendarju Dun Ġużepp Vella, u mbagħad baqa' tiela' f'riġlejn l-Artal Maġġur, u wara li għamel talba, libes il-paramenti sagri, iċċelebra l-Quddiesa ta' dak il-Ħadd, u wara t-tqarbin, dawk kollha preżenti – in-nies tal-post – ħadu sehem fil-mejda Ewkaristika, billi telgħu jitqarbnu bl-akbar ġabra u devozzjoni. U wara li spezzjona t-Tabernaklu u l-Pissidi, ta l-barka tiegħu, u għamel it-talba tas-soltu għall-erwieħ tal-mejtin. Imbagħad spezzjona l-artali, il-kunfissjunarju, iż-żejt tal-Ġriżma tal-Morda, u l-ħwejjeġ kollha, kif ukoll l-oġġetti l-oħra li jintużaw fis-servizz liturġiku, kemm dawk li jaqgħu taħt il-kura tal-Viċendarju, kif ukoll dawk li jaqgħu taħt il-kura tal-Benefiċjarju (tar-Rettur).

Ordna li patena għandha tiġi indurata bid-deheb, u ordna wkoll li xi paramenti sagri u xi trieħi/tvalji ta' l-artali għandhom jissewwew, però xi oġġetti ta' bjankerija, u missal, għandhom jitwarrbu għal kollox. Huwa ordna wkoll li t-Tabernaklu hekk imsejjaħ 'Kapsula' li fih nhar Ħamis ix-Xirka jiġi mqiegħed is-SS.mu. Sagrament, għandu jiġi indurat minn barra, u li l-oqbra tar-Relikwiji ta' fuq iż-żewġ artali tal-ġnub għandhom jiċċaqalqu aktar 'il barra lejn il-parti ta' quddiem; illi x-xbieha tal-Qalb ta' Ġesù li qiegħda fuq l-artal prinċipali għandha titneħħa, kif intqal kemm-il darba, skond id-digriet ta' l-Imqaddes Konċilju tal-Kardinali. Mons. Isqof ikkundanna wkoll pjaneta u tliet kapep ta' damask isfar tal-ħarir, u m'għandhomx jintużaw aktar.

### *... u f'San Pupulju ta' Għammar*

Fl-istess jum Mons. Isqof mar iżur lill-Knisja ta' San Pupulju Isqof, illi qiegħda fil-ħâra ta' Għammar. Wara li ntlaqa' mir-Rev.du Dun Ġużepp Cefai, resaq lejn l-artal, u wara li għamel it-talb tas-soltu għall-erwieħ tal-mejtin, spezzjona l-artal, il-kunfissjunarju u t-Tabernaklu Mqaddes, u ma kellu xejn x'jirrimarka ħlief li l-qabar tar-Relikwiji ta' l-artal, għandu jiċċaqlaq 'il barra lejn il-parti ta' quddiem. Imbagħad mar fid-dar ta' Dun Ġużepp Cefai u hemmhekk spezzjona l-paramenti sagri u l-oġġetti kollha li jintużaw fis-servizz liturġiku, kemm dawk ta' l-istess Knisja ta' San Pupulju, kif ukoll dawk li jappartienu lis-Santwarju 'Ta' Pinu', u sab li kollox kien miżmum tajjeb, ħlief pjaneta safra tal-ħarir li tappartieni lill-Knisja ta' San Pupulju li ordna li titwarrab għal-kollox.